**Ma Mmur Imkien**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Int biddiltli d-dinja tiegħi
Meta għażilt li tkun hawn miegħi
Fija tfajt ġibda għalik
F'kull ma nagħmel nafda fik

Ma rrid immur imkien
Jekk ma nafx li int u jien ser nibqgħu flimkien
Għax mingħajrek jien xejn ma jien,
Inħossni imfarrak u għajjien

Ma jkun hemm ebda żmien
Fejn int u jien nitbiegħdu minn xulxin
Warajk nimxi jien, dejjem bik quddiem
Se ssibni kullimkien

Jiġri, x'jiġri, nibqa' miegħek
Nimxi dejjem hemm qrib tiegħek
Ma nitilqek qatt u qatt
Naf li miegħek qalbi rbatt

Is-sens ta' ħajti sibtu fik
Nagħmel x'nagħmel, ngħix għalik

---

**Oħloq Tbissima**
**Kliem: Louis Mallia mssp & Karm Debattista mssp**
**Mużika: Karm Debattista mssp**

Rajtek tiela'
Fiż-żerniq imdieheb b'ħarstek imdawla
Biex tispira ta' tbissima l-ħajja.

Rajtek tixħet
Dirgħajn miftuħa bl-istess mod għal kull wieħed
Tħaddan f'poplu wieħed kull ġens imbiegħed

Oħloq tbissima lil kull hlejqa
Xemx shuna li titbissem
Min tak id-dawl biex tikxef
id-dieqa tat-tbatija?
O Xemx, meta ser turi
Tbissima shiħa fuq kull bniedem?
Agħtina l-qawwa O Alla
Li nitbissmu kullimkien
Oħloq tbissima

Rajtek twassal
Żiffa shuna f'wiċċ kull tfajjel fqajjar
Minn kulħadd mwarrab u mitluq barra

Rajtek titfa'
Dija qawwija bħal rifless li fih jilma'
F'kull persuna l-wiċċ ta' Alla

Oħloq...

Rajtek fl-aħħar
Fil-fqir u l-għani, fl-iswed u fl-abjad
Bħal titbissem u ferh trid tqabbad

Rajtek issa
Ġeneruża fl-id smurija Maltija
Hemm preżenti dit-tbissima mogħtija

Oħloq…

---

**Għalxejn**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Ma jiswielek xejn jekk tbakkar
Anqas jekk iddum ma tistrieħ
Xejn tiekol ħobż it-tbatija
Għaliex hu li jipprovdi lill-għeżież

Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar
Se jitħabtu l-bennejja għalxejn
Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt
Se jishar il-għassies għalxejn

Frott il-guf huwa l-hlas tiegħu

Wirt il-Mulej huma l-ulied
Hekk huma fiż-żgħożija
bħal vleġeġ f'id ġellied

Għalxejn tħares, għalxejn tbakkar
Għalxejn tibni, għalxejn tishar

---

**B'Qalbi Kollha**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Karm Debattista mssp**

Ma nafx infisser dak li nħoss
Din ħolma jew realtà?
Fl-aħħar miexi f'din it-triq
Tagħtini libertà.

Inħossni nerġa' ngħix mill-ġdid
Issa li fik intlaqt
Xejn ma jbiddel dak li rrid
Fik sibt dak li xtaqt

B'qalbi kollha nħobbok
B'ruhi kollha nafda fik
B'saħħti kollha nibqa' hdejk
Irrid li ngħix għalik

Spiss nistaqsi, int min int?
Min jien biex ngħid li nafek?
Quddiemek tant mifxul
Inti kbir, ma nafx xi ngħidlek

F'imħabbtek lili hlaqt
Biex ħajtek taqsam miegħi
Dak kollu li int, int
Issa se jkun tiegħi…   għalhekk

B'qalbi kollha… B'ruhi kollha… B'saħħti kollha ngħix għalik

B'qalbi kollha nafda fik
Irrid li dejjem ngħix għalik

**Għamret Fostna**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Kienet fil-bidu, fil-bidu l-Kelma
Kienet fil-bidu għand Alla
Kollox sar biha, kollox bil-Kelma
Xejn ma sar mingħajrha

Fiha hemm il-ħajja, fiha... il-Kelma
Il-ħajja, id-dawl tal-bniedem
Jiddi fid-dlam, id-dawl, il-Kelma
Xejn ma laqgħu d-dlam

U l-Verb sar bniedem u għammar fostna
Rajna l-glorja tiegħu
Il-glorja li għandu mill-Missier
Ibnu l-waħdieni

Tathom is-setgħa li jsiru wlied Alla
Iben isir il-bniedem
Mhux mid-demm, twieldu minn Alla
Anqas mir-rieda tal-gisem

Kienet fid-dinja, biha hi saret
Imma ma għarfuhiex
Kienet fid-dinja, il-Kelma ġiet f'darha
Niesha ma laqgħuhiex

Għamret fostna... l-kelma

---

**Dan li rrid**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Karm Debattista mssp**

Tagħtini ferh li ma jitfissirx
Dan li rrid, dan li rrid
Tassew kbir,  ma tinbidilx
Tibqa' hekk shih,  tibqa' hekk shih

Jekk il-ħajja bħall-ilma, jien art niexfa nkun
Jekk hi mixja twila, anqas bdejt inqum

Jekk hi dawl dejjiemi, nara hawn biss id-dlam
Sakemm intqajt miegħek, Alla kbir setgħan

Tagħtini ferh...

Jekk il-ħajja hi glieda, miegħek nirbaħ żgur
Jekk hi ritmu qawwi, ħajti żifna tkun
Jekk hi festa kbira, f'qalbi tnissel ferh
Meta ltqajt miegħek, sibt kull hena u serħ

Meta mkisser, fik kollox shih
Int kulma rrid, kulma rrid
Imħabbtek tqawwi, kull telqa tfieq
Fik jien shih!

---

**Int min int**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Kemm inħobb il-mod kif tħobbni
Fil-profond ta' ħajti timxi
Kemm inħobbok kif tħaddanni
Fil-mument li nħossni waħdi

Kemm inħobbok kif tberikni
Ma tistmerrx li tidħol f'qalbi
Kemm inħobbok kif tmexxini
Dejjem lest li tisma' talbi

Għalhekk infaħħrek jien
Għax ta' l-għaġeb int
Hu din ħajti, int li rajtni
u lil qalbi fhimt
Għalhekk infaħħrek jien
Għax ta' l-għaġeb int
Int dawwaltni u ggwidajtni
Għallimtni int min int

Kemm inħobb il-mod kif tgħinni
Meta nħoss il-piż jgħaffiġni
Kemm inħobbok kif tkellimni
Tinżel qrib u miegħi timxi

Kemm inħobb il-mod kif tħobbni
Ma tistmerrx li tidħol f'qalbi
Kemm inħobbok kif tħaddanni
Dejjem lest li tisma' talbi

Int min int! Alla kbir setgħan
Int min int! Ta' dejjem int sultan

---

**Ħerqan infittxek**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika Fr Karm Debattista mssp**

Alla tiegħi Int; lilek ħerqan infittex
Ruhi bil-għatx għalik, għalik imxennaq jien
Bħal art niexfa maħruqa, bla ilma
Ruhi bil-għatx għalik, għalik imxennaq jien

Għalhekk ġejt narak fit-tempju tiegħek
Biex nitgħaxxaq bil-glorja tiegħek
It-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja
Xofftejja jxandru t-tifħir tiegħek

Għalhekk imbierkek tul ħajti kollha
Ngħolli jdejja u nsejjaħ ismek
Bħal b'ikel li jsemmen nimtela
B'xofftejn ferrieħa ngħannilek

Mimdud fuq friexi fik niftakar
Fis-sahriet tal-lejl naħseb fuqek
Għax int kont għajnuna għalija
Taħt gwenħajk bil-ferh ngħannilek

---

**Nar iħeġġeġ**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Karm Debattista mssp**

F'kull ma nara, narak taħdem hekk fil-mobħi
Kif tmexxini u 'l bogħod mill-għawg teħodni
Fejn immur u naħrab 'l bogħod minnek?

Jiġri, x'jiġri, ser issibni lura għandek

Il-mogħdijiet tiegħek isaħħruni
L-għerf u l-kelma tiegħek ifarrguni

Int tgħarbilni, Int tqabbadni
Bħal bi fjamma int taħraqni
Fija timxi b'nar ifejjaq
Jien mibdul mil-lejl għan-nhar

Int tgħarbilni, Int tqabbadni
B'nar iħeġġeġ int taħraqni
Jgħaddi fija u jien ninbidel
Iżd'int ma tinbidel qatt

Int sawwartni u ta' l-għaġeb int għamiltni
Int tagħrafni u f'guf ommi int insiġtni
Sa mill-bidu ma kienx mobħi għadmi minnek
Rajt għemili, kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek

Il-mogħdijiet tiegħek isaħħruni
L-għerf u l-kelma tiegħek ifarrguni

Jien f'idejk
(Dejjem) Taħt għajnejk
Nafda ruħi fik

---

**Bla mħabba... għalxejn**
**Kliem: Fr Louis Mallia mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

F'liema ħemda ssib il-kwiet?
F'liema ġonna hemm das-skiet?
F'liema ħajja tilmaħ it-triq qalb it-tifrik?

F'liema qalb tħoss il-mistrieħ?
F'liema farag, it-tamiet?
F'liema mogħdija ssib ragg ta' dawl li juri t-triq?

Agħtini qalb kbira daqs tiegħek
Għajnejn jaraw il-ħarsa tiegħek
X'jiswa mingħajrek jekk
Bla mħabba għalxejn?

Agħtini qalb kbira daqs tiegħek
Għajnejn jaraw il-ħarsa tiegħek
'tini kuragg għax għalkemm ċkejken
Nista' nħobb

Kif nista' ngħix bla sempliċità?
Xi tridni ngħid bla sinċerità?
Kif nista' nikteb bla integrità?
Kif nista' nitlob bla verità?

Bla mħabba għalxejn
Bla mħabba għalxejn
X'jiswa mingħajrek jekk
Bla mħabba għalxejn?

---

**De Profundis**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr. Karm Debattista mssp**

Minn qiegħ l-art insejjaħ, Mulej
Agħti widen, isma' lehni
Ħalli jkunu widnejk miftuħa
Nitlob ħniena, isma' talbi

Jekk tal-ħtijiet int tagħti ħsieb
Fik min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra
Aħna għal dan nagħtuk kull ġieħ

Ruħi titma fil-Mulej, titma fih u l-kelma tiegħu
Ruħi tfittex lill-Mulej, tfittex kenn fil-ħarsa tiegħu

Aktar mill-għassiesa s-sebħ
Hawn nistenna lill-Mulej
Għaliex għandu hemm il-ħniena
Jifdi lilna l-Feddej

Ruħi titma fil-Mulej, titma fih u l-kelma tiegħu
Ruħi tfittex lill-Mulej, tfittex kenn fil-ħarsa tiegħu
Fil-ħarsa tiegħu

**Għanja ġdida**
**Kliem: Fr Karm Debattista mssp**
**Mużika: Fr Karm Debattista mssp**

Għanni għanja ġdida lill-Mulej ħallieq
Fil-ġemgħa tal-bħieb tiegħek it-tifħir agħtih
Faħħru u biż-żfin l-isem tiegħu agħti ġieħ
Jissebbaħ Hu li fuq kull ħaġa kien rebbieħ

Għanni għanja ġdida lill-Mulej, għanja ġdida lill-Mulej
Għanni għanja ġdida lill-Mulej, għanja ġdida lill-Mulej

Bil-glorja nithennew u naqbżu lkoll bil-ferh
Għax f'qalbna nissel l-hena, fina hemm kull serħ
Kull jum hu ġdid jekk 'l Alla trid, jekk f'Alla tgħix
Għanja ġdida tlissen f'qalbek, ġdid il-kliem li tgħid

Kull ħolqien hu ġdid, mibdi mill-Mulej
Kull mument hu ġdid min jibqa' fil-Mulej

Għanni għanja ġdida lill-Mulej, għanja ġdida lill-Mulej
Għanni għanja ġdida lill-Mulej, għanja ġdida lill-Mulej